MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2012

Numru. 420/2012

Il-Pulizija
(Sp Jurgen Vella)
vs
Christian Urry, bint Tarcisio, imwielda Pieta’ fil-11 ta’ Ottubru, 1989, karta ta’ l-identita numru 476689(M)
u
Wayne Delia, iben Martin, imwieled Pieta’ fil-21 ta’ Novembru, 1985, karta ta’ l-identita numru 574785(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati:
1. talli fit-22 ta’ April, 2012 għal ħabta tas-2.30 a.m. u/jew f’xi ħin qabel, minn ġewwa ċ-ċentru għar-riabilitazzjoni Santa Marija f’Ħal-Farruġ, Ħal-Luqa u f’dawn il-Gzejjer, meta kien qed jiġu mizmuma f’dan il-post ikkomettew ħarba minn ħabs jew mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuna nkarigata mill-kustodja tagħhom;

lil **Wayne Delia**, waħdu:
2. talli kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-5 ta' Lulju, 2011;
3. talli fl-istess ċirkostanzi, għal ħabta tas-2.30 a.m. u/jew f'xi ħin qabel, f'dawn il-Gzejjer naqas milli jħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'digriet tat-28 ta' Ottubru 2011 kif sussegwentement emendat b'digriet ieħor ta' l-istess Qorti tal-10 ta' Novembru, 2011 li bihom ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija li:
a. matul il-perjodu ta' program fis-shelter tal-Caritas huwa joqgħod għall-ordnijiet u direttivi kollha lilu mogħtija mid-diriġenti tal-Caritas. Jekk hu jikser xi waħda mill-istruzzjonijiet, regoli jew direttivi lilu mogħtija waqt li jkun hemm residenti, hu għandu jitqies li tilef il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u l-istess diriġenti jkunu awtorizzati bl-għajnuna, jekk ikun il-każ, tal-pulizija esekuttiva jirritornawh fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.
b. li tul il-perjodu redidenzjali tal-programm jibqa' hemm residenti u ma joħroġx mill-ambjenti kollha ta' San Blas, salv għar-raġunijiet mediċi.
c. li jidher għal kull att tal-proċess fid-data, lok u ħin li jiġu lilu ordnati minn din il-Qorti jew minn Qorti oħra.
d. li ma jikkomettiex delitt ieħor ta' natura volonatarja waqt li jkun meħlus mill-arrest.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmi reat, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-ħelsien mill-arrest tat-28 ta' Ottubru, 2011, kif sussegwentement emendat b'digriet ieħor ta' l-istess Qorti tal-10 ta' Novembru, 2011 u tordna l-arrest mill-ġdid ta' Wayne Delia. Tordna li s-somma ta' depozitu jew proprjeta' garanti għal din is-somma, kif ukoll kull somma ta' flus oħra bħala garanzija personali, li ġew imposti fuqu sabiex jagħmlu tajjeb għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest igħaddu favur il-Gvern ta' Malta skont l-artikolu 579(3) tal-Kodiċi Kriminali.
4. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Mejju, 2012 fej il-prosekuzzjoni rtirat l-ewwel akkuża fil-konfront ta' Wayne Delia.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Mejju, 2012 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, iisb lil **Christian Urry** ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha. Rat l-ammissjoni bikrija. Rat l-artikolu 151 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannaha għal piena ta' tlett (3) xhur priġunerija. Ma ssibx lill-imputat **Wayne Delia** ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra. Rat l-artikoli 49, 50 u 579(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija u tikkundannah għal piena ta' tlett (3) xhur priġunerija. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok li l-imputat jitlef id-depozitu li għamel favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------